MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 527/2005

Mario Mifsud
vs
Roderick Azzopardi

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippremetta:

Illi fid-disgha (9) ta' Settembru 2004, waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABF 292, safa involut f'incident stradali mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HGY 039, misjuqa mill-konvenut;

Illi a kawza ta' dan l-incident l-attur sofra griehi gravi u kien ukoll kostrett jieqaf mix-xoghol tieghu, dak ta' *'self employed'*, ghal perjodu ta' zmien, oltre d-danni estensivi subiti fil-vettura ABF 292;

Illi għall-incident u konsegwenzjali danni jaħti unikament il-konvenut u dan minħabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

L-attur talab lil Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-incident imsemmi u għad-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident;

2. Tillikwida d-danni *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni likwidati.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru, 2004 u l-imgħaxijiet skond il-Ligi kontra l-konvenut li gie ingunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident *de quo* seħħ unikament tort, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur stess li kien qed isuq il-vettura bin-numru HGY 039;

2. Illi, mingħajr pregudizzju għas-suespost, ma kienx hemm il-possibilita` li l-konvenut jipprevedi l-incident u għalhekk ma jistax ikun responsabbli għall-istess incident;

3. Illi, subordinatament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni allegatament

minnu sofferti u ghalhekk il-konvenut qieghed jikkontesta n-natura u l-ammont tad-danni lamentati mill-attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tal-21 ta' April, 2006 li minnu jirrizulta li Mr. Charles Grixti gie nominat bhala espert mediku.

Xehed Iro Azzopardi li semma li kien ra karozza Mercedes hierga *wrong side*, diehla 'l gewwa lejn il-Qrendi, suppost gejja mid-direzzjoni tal-Belt lejn il-Qrendi. Suppost kienet miexja l-istess direzzjoni li kien miexi hu, izda minflok ghaddiet fuq il-linja l-ohra. Kien ra wkoll Jeep blu misjuqa mill-attur. Semma li lil Mario Mifsud, wara rah stampat mal-art u hasbu mejjet. Ra l-kollizjoni bil-Jeep imdahhal fil-Mercedes. Hu hareg minn *side street*, Triq in-Nazzarenu biex idur ghall-Belt u ra l-Mercedes gejja b'certu velocita`.

Xehed SM 557 Joseph Abdilla u qal li hu ghamel l-iskizz esebit a fol 19 (41) tal-process. Semma li meta kellem lil Mario Mifsud, l-attur, dan qallu li hareg minn Triq il-Kileb u li sema' daqqa u l-vettura daret u ma jafx x'gara mal-impatt.

Xehed Roger Attard Warden 331, u qal li ra karozza gejja minn Hal-Kirkop taqbez erba' karozzi wara xulxin, ghalkemm hemm *continous white line* ma tistax taqbez. Hu kien ghaddej mhux hazin, ittawwal biex jehodlu n-numru u jibghatlu *ticket* u hadlu l-*letters* u zewg numri,

liema karozza kienet Mercedes sewda, u kellha l-ahhar numru 3, 8 jew 9.  Wara minuta ghadda ragel li qallu biex jitla’ ghax kien hemm *accident* kbir.  Fil-manuvra li semma, is-sewwieq kien qabez il-*lane*, ghax ghalhekk ried iharrku.  Dan kien xi kilometru u nofs ’il boghod mill-post ta’ l-incident.  Il-karozza s-sewda li sab involuta fl-incident kienet l-istess wahda, u kienet in-naha ta’ barra tat-triq, u ma kienx fuq il-*lane* tieghu.  Ikkonferma l-iskizz tas-Surgent, waqt li l-vettura ABF 292 kienet fuq is-*side* korrett.  Hemm ukoll hemm *continous white line*.  Ikkonferma li n-notamenti tieghu dwar in-numru tal-karozza kienu dwar dak tal-konvenut.

Xehed Dr. Raymond Sacco li gie ezentat mis-sigriet professjonali u semma li lill-attur ilu jafu hames snin.  Hu ezamina lill-attur dak in-nhar ta’ l-incident jew l-ghada.  L-attur kellu xi punti f’rasu, mugugh hafna, tbengil ma’ gismu u ma felahx iqum mis-sodda.  Semma li l-attur qabel kien jahdem fuq il-monti, izda llum m’ghadux minhabba kundizzjonijiet fizici li qed ibati minnhom.  Illum il-gurnata ma jistax jerfa’ u jqandel bhal qabel.

Xehed l-attur Mario Mifsud li semma li meta gara l-incident kien qed isuq *jeep* bil-*lights* fuq l-ahmar u hu hareg mit-triq ghall-Qrendi, u gie l-konvenut xkanat u ma setax jghid ezattament x’gara u ma garax.  Tah daqqa fuq wara tal-karozza tieghu u l-*jeep* daret tlett darbiet.  Spicca mal-art u wara l-isptar.  Il-*jeep* tieghu spiccat *total loss*.  Zied li ilu ma jahdem 4 snin, minn meta gara l-incident, ghax mugugh fi spalltu u dahru, u jiehu l-kalmanti.  Ghalhekk tilef ix-xoghol billi kien ibigh fuq il-monti affarijiet tal-*grocer*.  Hu kien fi triqtu lejn il-Qrendi.  Ghalkemm kien hemm il-*lights* homor, li hu kien ra meta hiereg minn Triq il-Kileb, il-konvenut baqa’ ghaddej b’velocita`.  Hu kien hareg minn Triq il-Kileb ghat-triq principali, fejn kompla ghal Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija.  Semma li waqaf meta wasal fit-tarf ta’ Triq il-Kileb u ma ra lil hadd gej, izda in segwitu gie l-konvenut xkanat.  Ma hemmx boghod minn Triq il-Kileb ghal-*lights*.  Il-vettura bieghha Lm100 kollox lill-Pinzell, Hal-Qormi.

Sar verbal fis-6 ta’ Marzu, 2009 minn fejn jirrizulta qbil li l-vettura ta’ l-attur spiccat beyond *economical repair*, ghalkemm ir-*wreck value* kien suggett ghall-provi.

Mario Mifsud esebixxa prospett a fol 78 li fih iddikjara *net profit* ta’ Lm11,164 riferibbli ghall-2003 u Lm10,986 riferibbli ghas-sena bazi 2004.

Xehed Roderick Azzopardi u qal li meta gara l-incident kien qed isuq il-vettura Mercedes AGY 039, gej min-naha ta’ l-Imqabba lejn il-Qrendi.  Semma li hargitlu karozza minn *side street*, inhasad, daqq il-*horn* u ippruva jiskapulaha izda d-distanza ma kienx bizzejjed.  Biex jiskapulaha bil-fors kellu jmur *wrong side*, izda ma kienx bizzejjed.  Il-vettura li hargitlu mis-*side street* kienet ABF 292.  Sostna li ma kienx ghaddej bi *speed* eccessiv, forsi 80 km.  Sostna li l-karozza tieghu kienet fuq in-naha tax-xellug fejn suppost tkun.  Il-hsara tieghu kienet fuq in-naha tax-xufier minn wara.   Sostna li mad-daqqa l-karozza tieghu l-karozza tieghu giet thares liejn ic-*central strip* u mhux kif indikata fl-iskizz.  Qabel li dwar l-i*spot of impact* kien kif indikat fuq l-iskizz, ghax kif ghalaqlu t-triq l-attur ipprova jiskapulah.  Baqa’ jsostni li meta kien ghaddej il-*lights* ma kienux homor, u anqas ma kien ghaddej b’velocita` eccessiva.

Xehed Kenneth Camilleri in rapprezentanza tal-Middle Sea Insurance, *Motor Claims Executive* u semma li l-assikurat taghhom kien *John’s Garage* riferibbli ghall-Mercedes HGY 039, b’polza *comprehensive* u b’*outlay* taghhom ghal Lm7414.06.

Rat ir-rapport ta’ Mr. Charles Grixti fejn issemma:
“Konkluzjoni:

Mifsud sofra hsara fit-tessuti ta’ l-ghonq u tan-naha t’isfel tad-dar b’forma ta’ *strain* fil-ligamenti u rritazzjoni tan-nervaturi meta kellu *accident* fid-9 ta’ Settembru 2004 u dan waqt li kien qieghed isuq karozza bic-cinturin tas-sigurta` u b’support ta’ *head rest* wara rasu.

Ghaddew aktar minn sentejn mill-*accident* u allura huwa difficli biex l-irritazzjoni tan-nerv tfieq ghal kollox wara daz-zmien kollu.

Minhabba dan Mifsud ikollu xi limitazzjonijiet fil-pozizzjoni li jista' jiehu ghonqu jew dahru fis-sens li ma jistax joqghod b'rasu baxxuta ghal hin twil u jrid jevita li jitbaxxa minn dahru biex igib affarijiet mill-art. Minflok irid jinzel kokka jew ghal rkuptejh.

Kagun ta' dan jiena nistma' d-dizabilita` permanenti li qieghed ibati Mifsud wara l-*accident* li kellu fid-9 ta' Settembru 2004 ta' 5% (hamsa fil-mija)."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Illi fid-9 ta' Settembru 2004, fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba gara incident awtomobilistiku bejn il-vettura misjuqa minn Mario Mifsud, ABF 292, u l-vettura HGY 039 misjuqa minn Roderick Azzopardi. Illi kull parti ssostni li dan sehh b'tort, b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-parti l-ohra. Ghalhekk Mario Mifsud talab lill-Qorti tiddikjara li a kawza ta' dan l-incident, il-vettura ABF292 garrbet danni estensivi filwaqt illi hu sofra griehi gravi li a kawza taghhom sofra danni u debilita` permanenti. Min-naha tieghu Roderick Azzopardi sostna li kawza ta' l-incident hu, flimkien ma' John's Garage Limited u MiddleSea Insurance p.l.c. sofrew danni fil-vettura misjuqa minn Azzopardi.

***D2. Responsabbilta` ghall-incident:***

Hawnhekk il-Qorti trid tasal ghall-ezami ta' min kien responsabbli ghall-incident u jekk kienx hemm aktar minn parti wahda li ikkontribwiet ghall-incident. Dan irid jigi ezaminat taht diversi aspetti u cioe` mill-aspett tal-velocita` ta' xi wahda mill-vetturi, jekk kienx hemm xi vettura *wrong side*, il-hrug ta' vettura minn xi triq sekondarja*, u t-traffic lights.*

*Dwar il-***velocita` tal-vettura misjuqa minn Azzopardi** jinghad li din tirrizulta minn diversi fatturi. Mario Mifsud semma li Azzopardi tah daqqa fuq wara tal-karozza tieghu u l-*jeep* daret tlett darbiet. Semma wkoll li l-*jeep* tieghu spiccat *total loss*. Mifsud isostni li Azzopardi gie xkanat.

Interessanti wkoll huwa dak li qal il-*Warden* Roger Attard. Infatti dana semma li ftit qabel l-incident kien ra l-karozza s-sewda gejja minn Hal-Kirkop, taqbez erba' karozzi wara xulxin ghalkemm kien hemm *continous white line*. Kompla jghid li pprova jehodlu n-numru izda anqas lahhaq, u wara minuta ghadda ragel li qallu biex jitla' ghax kien hemm *accident* kbir. Il-*Warden* ikkonferma li l-karozza misjuqa minn Azzopardi kienet l-istess wahda li kien ra ftit qabel. Il-post kien xi kilometru u nofs 'il boghod u sab il-karozza ta' Azzopardi n-naha ta' barra tat-triq u mhux fuq il-*lane* tieghu.

Element iehor li juri l-velocita` eccessiva ta' Azzopardi hija d-depozizzjoni ta' l-istess Azzopardi li jsemmi fost affarijiet ohra li ma kienx ghaddej bi *speed* eccessiv, forsi 80 kilometru. Dan wahdu gja juri li l-i*speed* kien wiehed qawwi.

Minkejja li sar l-impatt, Azzopardi tant kien ghaddej b'velocita` eccessiva li issorpassa l-vettura ta' Mifsud li laqat. Li kieku huwa minnu dak li xehed Azzopardi, kieku d-dinamika kienet tkun ferm differenti minn dak li huwa rapprezentat fl-iskizz.

Azzopardi jinsisti li l-allegazzjoni ta' *overspeeding* ma tregix ghaliex "hemmhekk ma tistax tghaddi bi *speed* eccessiv ghar-raguni li hemm xi spralli ftit qabel u ghalhekk malli tasal lejhom trid tnaqqas". Izda dan huwa argument li hu kontradett mill-fatti ghax irrizulta b'mod car li kien hemm velocita` eccessiva da parti ta' Azzopardi.

Il-hsara fil-karozzi kienet wahda kbira, b'mod li go vettura minnhom irrizultat hsara ta' Lm8,000 u l-ohra spiccat bhala *wreck*. Dan bil-fors juri li kien hemm velocita` ta' ghall-anqas wahda mill-vetturi.

Dwar il-fatt li ***__Azzopardi kien fuq ir-wrong side tat-triq__***, jinghad li l-*Warden* Roger Attard semma li xi kilometru u nofs qabel, Azzopardi kien ghaddej b'velocita` qawwija u min-naha l-hazina tat-triq meta qabez il-*continous white line*. Huwa veru li wiehed jitkellem fuq kilometru u nofs qabel, izda dan il-fattur meta tqis mieghu li mill-iskizz jirrizulta car li l-vettura misjuqa minn Azzopardi spiccat in-naha l-hazina tat-triq kif ukoll tghodd maghha x-xhieda ta' Mifsud, u aktar minn dan kollu l-i*spot of impact* huwa fuq in-naha l-hazina tat-triq, iwasslu ghal prova cara li Azzopardi fil-fatt kien ghaddej fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ma' dan wiehed irid izid ukoll ix-xhieda ta' Iro Azzopardi li jsemmi li l-vettura s-sewda kienet gejja *wrong side*. Is-sewwieq Azzopardi jipprova jiddefendi dan il-fatt billi hu spicca fuq ir-*wrong side* meta pprova jiskapula lil Mifsud li kien hareg abuzivament minn *side street*. Izda l-Qorti ma temminx din il-verzjoni ta' Roderick Azzopardi.

Dwar ***__l-aspett tat-traffic lights__***, Mifsud isemmi li dawn kienu fuq l-ahmar, waqt li Roderick Azzopardi jikkontendi li ma kien hemm ebda dwal homor u li ghalhekk seta' jibqa' ghaddej fi triqtu. Ghalhekk ghandha verzjonijiet totalment opposti. Huwa zgur li Roderick Azzopardi ma waqafx.

Mifsud hareg minn Triq il-Kileb, ossija *side street*. Issa din il-manuvra setghet isir jew le? U r-risposta hija dejjem mill-fatt ta' jekk kienx hemm traffic lights bid-dawl ahmar, ghax altrimenti johrog car li Mifsud ma kellux dak id-dritt, kemm ghall-fattur li hiereg minn *side street*, kif ukoll minhabba l-i*stop sign* li kien hemm fit-tarf ta' Triq il-Kileb. Min-naha l-ohra jekk kien hemm id-dawl ahmar, dan kien jintitola lil Mifsud li johrog. Il-Qorti hija propensa li temmen il-verzjoni ta' Mifsud, anke minhabba l-fatt li kif jidher mill-iskizz imhejji minn P.S. 577 Joseph Abdilla jidher car li Mifsud kien diga` hareg fit-triq principali meta sehh l-incident. Fil-fatt, il-vettura ta' Mifsud, intlaqtet fuq wara, liema fatt huwa indikattiv kif kienu l-vetturi meta sehh l-incident. Mifsud xehed "li meta hrigt minn triq ghall-Qrendi, il-*lights* kienu homor" u a kawza ta' dan sar l-incident.

Ghalhekk meta l-Qorti tqis dawn il-fatturi tasal ghall-konkluzjoni li r-responsabbilta ta' l-incident kienet ta' Roderick Azzopardi kawza tal-fatt ta' velocita` eccessiva, u li mar *wrong side* u lanqas ma waqaf fuq it-*traffic lights.*

***D3. Damnum Emergens:***

Fin-nota tieghu Mifsud isostni li:

"Illi permezz ta' *notice of sale agreement*, l-attur xtara din il-vettura minghand Mifsud Automobiles Ltd fil-15 ta' Jannar 2004 ghall-prezz ta' Lm3500 u cioe €8152.81. Illi l-vettura tal-attur giet danneggjata *beyond economic repair* u li minn din il-vettura huwa inghata minghand l-*insurance* Lm100 u cioe €233, kif xhed l-attur stess fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2008 quddiem l-Assistent Gudizzjarju."

Jinghad mill-ewwel li dwar l-aspett ta' *damnum emergens*, Mifsud gab provi limitati biss ghall-hsarat fil-vettura u ma ipproduca ebda ricevuta dwar xi hlasijiet lil xi tobba, sptarijiet, jew ghal xi medicini. Inoltre dwar id-*damnum emergens* fil-vettura tieghu, la gie prodott ebda *surveyor* bil-gurament biex jaghti l-valur tal-vettura qabel u wara l-kollizjoni, anqas gew prodotti ricevuti. Ma jridx jittiehed in konsiderazzjoni l-valur tal-karozza mixtrija, izda l-valur tal-karozza qabel il-kollizjoni. Jekk mixtrija fl-2004 stess, cioe` 9 xhur qabel l-incident, il-valur kien nizel izda mhux enormement. Kien jinkombi fuq Mifsud li jaghmel il-provi dwar dan l-aspett, izda l-Qorti sejra biex tevita dewmien ulterjuri u spejjez ta' *surveyors*, tiddeciedi fuq il-valur tad-*damnum emergens arbitrio boni viri*, u tistabbilixxi l-valur ta' Lm2,000 (€4,659).

***D4. Lucrum Cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D5. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata

f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘*multiplier*’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li “Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘**Buttler vs Heard**’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘*lucrum cessans*’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz

ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` ta' Mario Mifsud meta sar l-incident – 35 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 25 ghall-kaz in ezami.

***<u>D6. Paga u gholi tal-hajja:</u>***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna li Mario Mifsud li kellu dhul ta' Lm10,984 fl-2004, u Lm11,164 fl-2003. Il-Qorti tosserva li ghal xi raguni ma gietx prodotta l-P3 u anqas saru ebda domandi fuq dan l-aspett. Dan hu dokument mhux mahluf minn Mifsud u mhux maghmul minn xi awditur. Anqas ma hu xi dokument dettaljat relativament ghall-i*stock*, jew *b'balance sheet* jew b'xi *profit and loss account*. Il-Qorti sejra tqis l-ammont ta' Lm10,000 ossija €23,293 *arbitrio boni viri*.

Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena fil-kaz ta' impjegat, il-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal 25 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tal-qligh fid-data ta' l-incident (€23,293) u dak tal-ahhar qligh (€7,594.5 + €23,293 = €30,887.50) ossia €23,293 + €30,887.50 / 2 = €27,090.25] u <u>jwassal ghal €27,090.25</u>.

***<u>D7. Dizabilita`:</u>***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A.

Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"

U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del*

*risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Aspett iehor importanti hija l-komputazzjoni f'kaz ta' *multiple injuries* u s-sistema li jintuza biex jinhadem.

Lord Justice Morris, fil-kawza **Scott vs Musial**, stqarr:
"*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or*

*assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."

L-awtur **Munkman** fil-ktieb tieghu *Damages for personal injuries and Death* jispecifika li:
"One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls *short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb*."

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti, per Imhallef G. Valenzia fit-30 ta' April 2001, fl-ismijiet **Joseph Bartolo *et* vs George Zammit**, il-Qorti ghaddet id-dizabililta` relativa ghan-nuqqas ta' toghma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta` epilepsija (9%), telf ta' vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta' 48%. Fis-sentenza **Saviour Sammut *et* vs Robert Demanuele**, 326/98GV deciza fit-12 ta' Lulju 2002 per Imhallef G. Valenzia, il-Qorti wkoll ghaddet flimkien it-18% riferibbli ghall-ksur fin-naha tal-lemin tal-*pelvis* mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrapprezenta grad ta' inkapacita` li jirrispekkja telf ta' indipendenza konsegwenti ghal danni li l-attrici sofriet fil-vista u f'riglejha.

Fis-sentenza **Paul Bottone *et noe* vs Rita Saliba *et***, deciza fis-7 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Ray Pace, f'pagna 15 inghad:
"Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta' dizabilita` fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhox jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittehidx *average*. Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern thoss li l-persentagg ta' dizabilita` permanenti ghandu jkun ta' 25%."

Fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, il-percentwali ta' dizabilita` stabbilit mill-Qorti kien dak *weighted* f'percentwali globali.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani**, Citazz. Nru. 48/94, deciza fit-3 ta' ottubru 2003 mill-Qorti Civili Prim'Awla, per Imhallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentagg ta' dizabilita` ta' 18% ta' snien jew xedaq kien gie assommat ma' dak ta' l-24% ghal griehi fil-wicc skond l-espert dentali u b'hekk lahhaq 43%. Hawn il-Qorti f'pagna 8 qalet:
"Sewwa irrilevat l-attrici fin-Nota responsiva ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 83) illi z-zewg esperti ma ghamlu l-ebda "*overlapping*" billi l-wiehed (Dr. Zammit Maempel) "eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta' snien jew xedaq" fl-evalwazzjoni tieghu, mentri l-iehor (Prof. Portelli) attribwixxa percentwali ta' dizabilita` "li jkopri biss il-wicc;""

Ghalhekk jidher li minhabba diskezzjoni mhollija f'idejn il-gudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta' kif jinhadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaggi ta' dizabilita` relativi ghal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

Il-Qorti trid tezamina l-aspett ta' *Lucrum Cessans* u *Combined Values* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabilita` totali ta' persuna jekk bhala kawza ta' l-incident ikunu irrizultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jgu stabbiliti l-*impairment ratings* ghall-kundizzjonijiet kollha kawza ta' l-incident, fil-fehma tal-Qorti kif presjeduta ma tasalx ghal persentagg ta' disabilita` billi tghodd l-*impairment ratings* f'daqqa, izda billi tuza l-formula taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-"*whole person impairment*" u li tghaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa' dejjem miexi hekk.

Dan iwassal ghall-applikazzjoni tal-formula segwenti:
Valur kombinat ta' A u B = A + B (1 - A/100) irrontondat ghall-aktar *integer* vicin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* ohra, dawn jigu mahdumin bl-istess sistema, u cioe` billi tapplika l-persentagg fuq ir-*remaining capacity*.

Mir-rapport mediku ta’ Mr. Charles Grixti [a fol 102 *et* tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta’ Mario Mifsud hija ta’ 5%, u ma gie esebit ebda rapport ta’ xi psikjatra dwar Mifsud. Hu semma fid-depozizzjoni tieghu li ghandu bzonn jiehu l-kalmanti, izda qatt ma saret talba minnu ghan-nomina ta’ espert psikjatra; u ghalhekk il-Qorti bil-fors li sejra tqis id-dizabilita` bhala ta’ 5%.

***<u>D8. Lump Sum Payment:</u>***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
“jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003. ”

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fid-9 ta’ Settembru 2004 u s-sentenza qed tinghata sitt snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta’ 13%.</u>

***<u>D9. Kunsiderazzjonijiet ohra:</u>***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta’ dan it-tip ta’ kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D10. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€23,293] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €27,090.25.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 25. Dan igib l-ammont ta' €677,256.25;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 5% u ghalhekk jammonta ghal €33,862.82;

IV. wara jrid jitnaqqas 13% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €29,460.66;

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €34,119.66.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 23293 |
| Multiplier | M | 25 |
| Lump sum payment | L | 13 |
| Dizabilita` | D | 5% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €34,119.66 |
| | | |

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Roderick Azzopardi li l-incident sehh tort ta' l-attur minhabba dak li ntqal f'"D2".

Tichad l-eccezzjoni li l-konvenut ma kellux il-possibbilta` jipprevedi l-incident u ghalhekk mhux responsabbli ghalih, u dan minhabba li ma saru ebda provi dwar dan l-aspett.

Dwar id-danni, tirreferi ghal dak li nghad minn "D3" sa "D10".

Il-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' dan l-incident.

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' €34,119.66.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni likwidati - €34,119.66.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru, 2004 u l-imghaxijiet skond il-Ligi kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------